# Austrian & Italian Alps

**04-13 TA' SETTEMBRU**

**INŻURU: MUNICH, KUFSTEIN, GROSSGLOCKNER, KRIMML FALLS, GERLOS PASS, HERRENCHIMSEE PALACE, SALZBURG, HELLBRUNN, TRENTO, INNSBRUCK, TRAUTTMANSDORFF CASTLE, MERANO, GENOA VALLEY, MADONNA DI CAMPIGLIO, CASCADA DEL NARDIS, BOLZANO, SIRMIONE.**



### L-ERBGĦA 04 TA' SETTEMBRU

Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-06.15 sabiex issir check in għat-titjira KM306 fid-09.00 u twassalna Munich fil-11.30. Mal-wasla tagħna transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Munich fejn flimkien ma' tour leader immorru naraw il-pjazza ċentrali **Marienplatz** li hi ddominata mill-koppli tal-kampnari ta' Frauenkirchen-knisja tas-seklu ħmistax. Naraw ukoll il-famuż arloġġ Rathaus, Glockenspal li jinsab f'din l-istess pjazza, Isar Tor, St Michael's Kirche, Karlsplatz bil-famuża funtana u toroq ta' **Neuhausan Strabe** u Kaufinge Strabe, żewġ toroq mimlija stabbilimenti u ħwienet mill-isbaħ. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Kufstein** għal-**Hotel Goldener Lowe** . Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IL-ĦAMIS 05 TA' SETTEMBRU

Ħadd ma jista' jmur l-Awstrija u ma jżurx il-muntanji u l-kaskati tagħha. Għalhekk illum ikollna opportunità sabiex inżuru l-akbar attrazzjoni fl-Awstrija, il-**Grossglockner**-muntanja b'għoli ta' 3,798m. Din narawha mill-***Großglocknerstraße*** li teħodna sal-***Kaiser-Franz-Josefs-Höhe***: l-ogħla post fuq din il-muntanja, minn fejn inkunu nistgħu nammiraw veduti mill-isbaħ ta' muntanji miksija bis-silġ. Min irid jista' jirkeb il-funikular (*extra*) lejn **Pasterze**, l-itwal glaċier fl-Awstrija kollha.

### IL-ĠIMGĦA 06 TA' SETTEMBRU

Eskursjoni unika ta' nofs ta' nhar lejn **Krimml Falls**, ukoll magħrufa bħala *The Wonderful World of Water*. Nibdew il-vjaġġ tagħna fost xenarju mill-isbaħ sa ma naqsmu l-**Gerlos Pass** mal-wasla tagħna ġewwa Krimml inżuru l Waterfalls (dħul extra). Dawn huma l-ogħla kaskati fl-Ewropa. Nirritornaw lura l-lukanda u filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IS-SIBT 07 TA' SETTEMBRU

Skopri magħna l-ġmiel ta' Herrensland, nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Herrenchimsee,** nieqfu fil-main riżort ta' Prien biex naraw il-Gauge Railway li ilha taħdem mill-1887. Wara mmorru biex naqbdu l-boat li twassalna (extra) Herrenisland fejn se nżuru l-Palazz mill-isbaħ li jixbaħ lil dak ta' Versailles u l-mużew (dħul extra). Sintendi wara jkollna ħin bizzejjed biex induru l-ġonna sbieħ tiegħu. Filgħaxija ħarġa mal-leader.

### IL-ĦADD 08 TA' SETTEMBRU

Wara li nieħdu l-buffet breakfast noffrulkom eskursjoni mimlija storja, għax flimkien inżuru l-belt famuża ta' **Salzburg** kif ukoll il-Palazz ta' Hellbrunn. Kif jaf kulħadd din il-belt mhix biss belt storika u sabiħa, imma hija famuża wkoll għar-rabta li għandha mal-famuż film mużikali Sound of Music. Għalhekk naraw fost l-oħrajn il-Katidral, Residence Square, Market Square, Getreidegasse u d-dar ta' Mozart. Immorru anke fil-Capital Square minn fejn nistgħu nieħdu l-funikular (ħlas extra) għall-fortizza ta' Hohensalzburg. Naraw ukoll il-Watchtower u r-Rainer Museum fejn anke insibu kollezzjoni t'armi medjevali. Wara jkollna ħin għall-ikel u xiri miċ-ċentru. Ikollna l-ħin biżżejjed sabiex immorru **Hellbrunn** fejn insibu l-palazz irjali bil-funtani famużi tiegħu (dħul extra). Hawn naraw mhux biss il-palazz irjali iżda nżuru wkoll il-ġonna famużi għall-funtani tagħhom. Nirritornaw lura l-hotel.

### IT-TNEJN 09 TA' SETTEMBRU

Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Trento iżda qabel immorru **Innsbruck**, il-belt kapitali tat-Tyrol. Nieqfu għal sightseeing fejn naraw il-famuż Golden Roof, Maria Theresianstrasse u oħrajn. Inkomplu lejn **Trento**, belt fir-reġjun Trentino-Alto Adige fit-Tramuntana tal-Italja. Akkomodazzjoni ġo **Gran Hotel Trento** 4 star. Filgħaxija ħarġa mal-leader.









**10** T'IJIEM

MINN € **1,290** KULL PERSUNA

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET U TAXXI NKUŻI

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tliet persuni | €1,340 | €1,290 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €1,350 | €1,300 |
| Kamra ta' persuna waħeda | €1,610 | €1,560 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €1,150 | €1,100 |
| Half Board-9 ikliet | €220 | |

### PREZZ JINKLUDI
- Malta-Munich / Linate -Malta mal-KM Malta Airlines
- 20Kg Luggage + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm (entraturi, cable cars eċċ... mhux inklużi)
- 5 iljieli-Hotel Goldener Lowe 3+star, Kufstein
- 4 iljiel-Gran Hotel Trento 4 star, Trento
- Buffet Breakfast kontinentali kuljum
- Taxxi tal-ajruport u City Tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### IT-TLIETA 10 TA' SETTEMBRU
Eskursjoni ta' ġurnata fejn se nżuru ***Trauttmansdorff Castle*** u l-ġonna favolużi tiegħu (dħul *extra*). Dawn il-ġonna li fihom 12-il ettaru, ħadu l-premju *Garden Tourism Award fl-2013*. Inżuru l-istess kastell li għal ħabta tal-1870, l-Imperatriċi Sissi għamlet xi żmien tgħix fih. Wara, nżuru l-ġonna botaniċi tiegħu fejn inkunu nistgħu ngawdu s-sbuħija tal-ħafna fjuri, siġar u pjanti minn madwar id-dinja kollha. Ikollna ħin liberu. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Merano**-belt medjevali. Nieqfu għal sightseeing fejn naraw **Castello Principesco** kif ukoll id-**Duomo** u **Via dei Portici**. Nirritornaw lura l-Hotel.

### L-ERBGĦA 11 TA' SETTEMBRU
Illum ikollna l-opportunità ngawdu jum sħiħ qalb id-**Dolomiti**, waħda mill-isbaħ żoni muntanjużi fl-Ewropa. Tassew ġurnata memorabbli mimlija xenarju mill-isbaħ li mhu se tinsewh qatt! Fost oħrajn naraw għadd ta' villaġġi żgħar u panoramiċi bħal **Val Genova**, **Cascate Nardis** u **Madonna di Campiglio**, riżort ta' fama mondjali. Mal-wasla tagħna ġewwa Madonna Di Campiglio jkollna l-opportunità li nitilgħu bil-*cable car* (*extra*) fuq waħda mill-muntanji, mnejn inkunu nistgħu nitgħaxxqu bix-xenarju fantastiku li joffru d-Dolomiti, inħallu Madonna di Campiglio b'ħafna memorji uniċi u nibdew il-vjaġġ lura lejn Trento.

### IL-ĦAMIS 12 TA' SETTEMBRU
Eskursjoni ta' nofs ta' nhar mill-iżjed interessanti għal **Bolzano.** Fost xenarju mill-isbaħ tal-Alpi, naslu fil-belt ta' Bolzano-l-akbar belt fis-Sud Tyrol. Fost oħrajn naraw Piazza *Walther*, inżuru ċ-ċentru tal-belt mimli ħwienet u *cafés*, waqt li naraw ukoll lil Ötzi-ir-raġel li ġie mis-silġ, li jinsab fil-mużew ta' Bolzano (dħul *extra*). Nirritornaw lura l-Hotel sabiex ingawdu l-belt ta' Trento, magħrufa bħala l-Belt tal-Arti u l-Istorja. Hawn naraw Castello del Buonconsiglio, il-Katidral u l-pjazza splendida tiegħu. Naraw ukoll djar imżejnin bil-*frescoes*, santwarji u kastelli. Ikollna ħin liberu għal xiri ta' souvenirs.

### IL-ĠIMGĦA 13 TA' SETTEMBRU
Breakfast u nħallu Trento b' tant memorji sbieħ iżda qabel immorru lejn **Sirmione,** il-perla ta' **Lake Garda**. Nagħmlu dawra mat-tour leader madwar it-toroq tant pittoreski mimlija boutiques, cafes' u restaurants. Wara nkomplu lejn l-ajruport ta' Linate għat-titjira KM625 fl-15.25 u naslu lura Malta fil-17.25